**MALTA**

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR

## ĠUDIKATUR
## DR. ANNA MALLIA

**Seduta tas-07 ta' Lulju, 2017**

**Avviz Nru 429/2016 AM**
**Lista Nru: 37**

**GO plc (C22334)**
**Triq Fra Diegu,**
**Marsa**
**MRS1501**
**vs**
**Plamen Mitkov Tonchev**
**(ID 0131212A)**
**Summerfield, Block C, Flat 5,**
**Triq San Masssimiljanu Kolbe,**
**St. Paul's Bay**

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fil-05 ta' Ottubru, 2016 li permezz taghha s-Socjeta' attrici talbet minghand il-konvenut il-hlas tas-somma ta' elfejn, mija u hamsin ewro u sebgha centezmi (€2,150.07c) in konnessjoni ma' servizz elettroniku ta' kommunikazzjoni maghruf bhala 'Limitless 99' li gie pprestat mis-Socjeta' attrici il konvenut fuq l-akkont li jgib in-numru AC40553406.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher biex jirrispondih u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant it-Tribunal wara li semgha lir-rapprezentant tas-Socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta gusitikata u timmerita konferma u ghaldaqstant tordna lil konvenut ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, mija u hamsin ewro u sebgha centezmi (€2,150.07c) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez a karigu tal-konvenut.

**Av. Anna Mallia**
**Gudikatur**